MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2010

Numru. 1186/2009

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Marvin (Mario Vincent) Sammut, iben Jude Thaddeus, imwieled San Ġiljan fit-28 ta’ April, 1974, Karta ta’ l-Identita numru 272874(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fid-19 ta’ Novembru, 2007, għal ħabta tas-7.00 p.m. u/jew wara din id-data, f’dawn il-Gżejjer –
1. xjentement, issoprima jew b’xi mod ieħor qered jew biddel it-traċċi jew l-indiżji ta’ reat ta’ serq ta’ vettura tal-marka Peugeot Partner, bin-numru tar-reġistrazzjoni CBQ 247;
2. bi ħasra tas-soċjeta’ GasanMamo Insurance Ltd. għamel qliegħ b’qerq li jeċċedi l-ammont ta’ €2,329.37.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Frar, 2010 fejn ir-rappresentant tas-soċjeta’ hawn fuq imsemmija nforma l-Qorti li l-imputat ħallas lura dak kollu dovut u cioe’ s-somma ta’ €6,762 u għalhekk ma għandhom ebda interess fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Frar, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 111(2)(a), 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta, l-ammissjoni bikrija u il-fatt li l-imputat ħallas dak kollu dovut. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------